MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru 265/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa**
**vs**
**Alan Grech**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alan Grech ta' 30 sena iben Joseph u Elizabeth nee' Zerafa Gregory mwieled Attard fis-27 ta' Lulju 1975 u residenti 47 Triq is-Sajf San Pawl il-Bahar, ID 358175M.**

**Akkuzat talli:**

**1. Fl-24 ta' Frar 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel fil-Gharghur xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija u cioe DVDs, CDs u loghob iehor b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq.**

**2. Talli fl-istess cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa jew mmanfiattura jew ddupplika jew b’mod iehor rriproduca jew kkopja jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam DVDs jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew that il-ligi ta’ Malta.**
**3. Talli fl-istess cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih jew ghal haddiehor jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma xi trademark registrata.**
**4. Talli fl-istess cirkostanzi, bi qliegh jew ghat-tqassim, jew ghal wiri f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, mmanifattura stampa jew xort’ohra ghamel jew dahhal f’Malta jew akkwista, zamm, ccirkola, jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxen, jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta’ hawn fuq kemm jekk le, u cioe kellu numru ta’ DVDs pornografici ghall-kiri.**
**5. Talli fl-istess cirkostanzi, nnegozja f’xi oggett pornografiku imsemmi hawn fuq, ukoll jekk dan in-negozju sar bil-mohbi, jew qassam xi oggwett bhal dak jew wera xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku u cioe numru ta’ DVDs pornografici.**

**Il-Qorti intalbet ukoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil Alan Grech ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti f’dawn il-proceduri.**

**Il-Qorti intalbet ukoll sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat moghtija fi zmien bikri ghal dawn l-imputazzjonijiet kollha, liema ammissjoni l-imputat kkonferma wara li nghata hin xieraq biex**

**jahsibha. Ghaldaqstant, stante din l-ammissjoni, l-imputazzjonijiet kollha gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 208(1)(2), 298(1), 289(B) tal-Kap 9 kif wkoll l-Artikolu 3 tal-Kap 416 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap 9, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh b'dan pero li l-ewwel u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fit-tieni wahda, waqt illi l-hames imputazzjoni hija assorbita fir-raba' wahda. U ghal hekk wara li rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' 15-il xahar li ghandhom jibqghu sospizi ghal tliet snin millum sakemm l-imputat ma jwettaqx xi reat iehor. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28A tal-Kap 9. Qed tordna il-konfiska kif wkoll distruzzjoni ta' l-oggetti meta dawn ikunu fizikament pprezentati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------